-

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 8

[Nhar it-Tlieta 21 ta' Jannar 2020]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Alexander Zammit – Kunsillier
Ian Buhagiar – Kunsillier
Shaun Farrugia – Kunsillier
Hugh Caruana – Kunsillier
Jessica Borg – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jeremy Cardona– Kunsillier

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

8.1.1 Id-D.S.E qal illi l-kunsillier J.Cardona bagħat emajl ftit qabel il-laqgħa biex jikkonferma li ma jistax jattendi minħabba x-xogħol.

## 8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

8.2.1 B'referenza għal punt 8.2.4 is-Sindku qal illi tkellem mall-Perit tal-proġett illi kkonferma li qegħdin jistennew li tiġi ffirmata ftehim mat-TM, izda waslu biex jibdew il-proġett fil-ġnien.

8.2.2 B'referenza għal punt 8.2.6 id-D.S.E qal illi l-isteering wheel se tiswa ma €1281 mingħajr labour costs. Il-Kunsill qabel illi x-xogħolijiet ikomplu waqt illi nifthu claim mall-insurance.

8.2.3 B'referenza għal punt 8.6.5 is-Sindku qal illi kien tkellem mall-avukata li ħadet ħsieb l-appell kontra l-applikazzjoni ta' tables and chairs għal bar illi hemm fil-Housing Estate

8.2.4 B'referenza għal punt 7.3.5 id-D.S.E qal illi l-problema rigward it-tender tal-ġnien dejjem kienet illi kemm ilha li skadiet, kien hemm l-idea li se ssir il-proġett tal-Marina, kif ukoll l-upgrade tal-ġnien. Fl-aħħar sentejn għadom ma sarux ix-xogħolijiet u l-kwistjoni dejjem kienet biex it-tender il-ġdida tkun waħda addattata għal 'layout' tal-ġnien. L-ELC se jkomplu jaħdmu izda dan ma jfissirx illi għandna kuntratt magħhom u se jsiru arranġamenti biex toħroġ tender mingħajr ma nistennew illi jibdew ix-xogħolijiet tal-Marina

8.2.5 Il-kunsillier N.Chetcuti ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier I.Buhagiar issekondaħ. Il-Kunsill qabel.

## 8.3 Korrespondenza mas-Sindku

8.3.1 L-avukat tal-Kunsill kiteb biex jispjega kif ir-retainer dejjem kienet l-istess ammont daqs meta beda jaħdem mall-Kunsill fis-sena 1994. Għamel talba biex ir-retainer fee titla għall-ammont ta' €280 fix-xahar fejn se jkun inkluz xogħol li tappartjeni għall-claims tat-tyres u ħsarat ta' vetturi. Il-kunsillier A.Zammit ippropona li naċċettaw iċ-ċiffra. Il-kunsillier S.Farrugia ssekondah.

8.3.2 Earth Day: Is-Sindku qal illi fit-18 u d-19 t'April 2020 numru ta' NGO's jixtiequ jagħmlu attivita fil-ġnien fejn se jkun hemm workshops favur 'Earth Day'. Il-Kunsill qabel illi juzaw il-ġnien mingħajr l-ebda ħlas. Is-Sindku żied illi jekk ikun hemm il-maltemp se jaħsbu għall-ġimgħa ta' wara.

8.3.3 UoM proġetti: Is-Sindku qal illi hemm grupp ta' nies mill-UoM illi jixtiequ jamalgamaw mall-Kunsill f'proġett biex isibu rimedju biex inaqsu t-tniġġis li hemm madwarna. M'hemm l-ebda talba għal ħlas.

## 8.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

8.4.1 Id-D.S.E qal illi ma rċieva l-ebda mistoqsija qabel il-laqgħa.

## 8.5 Rapporti

8.5.1 Handyman: Id-D.S.E qal illi saret l-evalwazzjoni tat-tender fejn l-uniku bidder kien taħt il-baġit u teknikament kien compliant. Fuq dan il-punt il-kunsillier S.Farrugia qal illi xorta jħoss illi hemm min hu irħas. Is-Sindku qal illi la dawn ma applikawx għat-tender, l-ebda rata oħra ma tista tiġi kkonsidrata. It-tender kienet miftuħa għal kulħadd. Żied illi l-kuntrattur jista jieħu azzjoni legali sakemm ma nagħtux raġuni valida għalfejn mhux se jieħu t-tender.

Id-D.S.E qal illi meta joħorġu tenders isir market research biex wieħed ikun jista jaħdem il-baġit għas-servizz. F'dan il-każ qal illi l-ammonti kienu bejn €15 fis-siegħa u €35 fis-siegħa izda rrid jfittixhom għaċ-ċertezza. L-uniku wieħed illi tafa l-bid għandu r-rata ta' €18 fis-siegħa [ir-rati kollha ma jinkludux VAT] u kienet taħt l-ammont tal-baġit.

Il-kunsillier S.Farrugia qal illi xorta ma jaqbilx peress illi barra l-ispejjez irid ikun ċert illi qegħdin isiru s-sigħat.

Id-D.S.E fakkar illi dik għanda tkun xogħol il-Contracts Manager, waqt illi l-kunsillier li għandu d-dekasteru wkoll għandu jara li qed isir ix-xogħol. Fil-laqgħa preċedenti kulħadd kien qabel illi hemm bzonn ta' rendikont tax-xogħolijiet illi għandom isiru.

Il-Viċi Sindku ppropona r-rapport. Il-kunsillier A.Zammit issekondah. Ma kien hemm l-ebda vot kontra l-proposta izda l-ilmenti tal-kunsillier S.Farrugia ġew innutati.

8.5.2 Contracts Manager: Id-D.S.E qal illi saret l-evalwazzjoni tat-tender u bħal ta' dik preċedenti l-uniku bidder kien taħt il-baġit u kien complaint. Il-kunsillier H.Caruana qal illi hemm bzonn illi jkun hemm rendikont tax-xogħol ukoll. Id-D.S.E qal illi kif kien spjegat fil-passat, il-Contracts Manager għandu jibgħat rapporti dwar il-kuntratturi kollha biex juri x-xogħolijiet illi saru u jirrikmanda li l-Kunsill iħallas lil kuntrattur skont ir-rati tal-kuntratti jew jekk hemm bzonn xi penali minħabba nuqqasijiet minn naħa tal-kuntrattur.

Il-kunsillier J.Borg ipproponiet ir-rapport. Il-kunsillier I.Buhagiar issekondah.

## 8.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

8.6.1 Segretarju Eżekuttiv: Id-D.S.E qal illi ħadd ma applika u għanda terġa toħroġ is-sejħa nhar il-Ġimgħa 24 ta' Jannar.

8.6.2 Il-kunsillier A.Zammit qal illi kollega tal-Kunsill tilfet it-tifla tagħha traġikament u għamel talba biex nibagħtu fjuri lill-familja. Il-Kunsill qabel mall-ġest.

8.6.3 Il-kunsilliera J.Borg qalet illi għanda tagħmel laqgħa ma tal-festi minħabba l-ideat li ġew proposti fil-laqgħat preċedenti.

## 8.7 Clerical staff interview

8.7.1 Id-D.S.E qal illi kien hemm tnejn illi applikaw inizjalment, izda waħda minnhom sabet ix-xogħol waqt illi l-ieħor ma kkonfermax li jista jattendi għall-intervista.

## 8.8 Performance Appraisals

8.8.1 Is-Sindku qal illi fil-fehma tiegħu l-impjegati kollha ħaqqhom full Performance Bonus. Il-Viċi Sindku ppropona li jieħdu l-bonus. Il-kunsillier N.Chetcuti ssekondah. Il-Kunsill qabel.

8.8.2 Is-Sindku qal illi fil-fehma tiegħu s-Seg Eżekuttiv ħaqqu full Performance Bonus. Il-Viċi Sindku ppropona li jieħdu l-bonus. Il-kunsillier N.Chetcuti ssekondah. Il-Kunsill qabel.

## 8.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

8.9.1 Il-kunsillier S.Farrugia staqsa dwar l-ispejjez dovuti għax-xiri tal-AC's. Id-D.S.E qal illi l-ħlas tirrikjedi wkoll il-copper u labour costs izda kien hemm imnizzel AC li ma waslitx u b'hekk il-kuntrattur għandu jibgħat invoice biss għax-xogħolijiet illi waslu/saru.

8.9.2 Il-kunsillier H.Caruana ppropona li l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata. Il-kunsillier I.Buhagiar issekondaħ

## 8.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

8.10.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2020 fil-5.30pm

Konfermati, illum 18 ta' Frar 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Dep. Segretarju Eżekuttiv |